2024/200

4.1.2024

Ftehim bejn l-unjoni Ewropea u l-prinċipat tal-liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ Finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-Politika dwar il-viżi, bħala parti mill-fond għall-ġestjoni Integrata tal-fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Unjoni"

u

IL-PRINĊIPAT TAL-LIECHTENSTEIN, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Liechtenstein",

Minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien il-"Partijiet"

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([1]) (il-"Protokoll ta' Assoċjazzjoni"),

BILLI:

(1) L-Unjoni stabbiliet l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (Border Management and Visa Instrument (il-"BMVI") permezz tar-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) (ir-"Regolament BMVI"), bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

(2) Ir-Regolament BMVI jikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll ta' Assoċjazzjoni.

(3) Il-BMVI, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, jikkostitwixxi strument speċifiku fil-kuntest tal-*acquis* ta' Schengen imfassal biex jiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, filwaqt li jissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Istati Membri u tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen dwar id-drittijiet fundamentali, u biex jappoġġa l-implimentazzjoni u l-modernizzazzjoni uniformi tal-politika komuni dwar il-viżi, u b'ħekk jikkontribwixxi għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Istati Membri u fil-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen.

(4) L-Artikolu 7(6) tar-Regolament BMVI jipprevedi li għandhom isiru arranġamenti sabiex jispeċifikaw in-natura u l-modi tal-parteċipazzjoni fil-BMVI tal-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen.

(5) Il-BMVI joffri l-opportunità li jiġu implimentati azzjonijiet b'ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta, u dan il-Ftehim jenħtieġ li jagħmilha possibbli li taliimplimentazzjoni b'ġestjoni diretta jew indiretta tkun tista' titwettaq fil-Liechtenstein f'konformità mal-prinċipji u r-regoli tal-Unjoni dwar il-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji.

(6) Fid-dawl tal-piż amministrattiv li r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jimponu fuq il-Liechtenstein biex jimplimenta l-allokazzjoni limitata tiegħu taħt ġestjoni kondiviża, l-appoġġ ipprovdut lil-Liechtenstein skont ir-Regolament BMVI li jirriżulta mid-dritt li tinkiseb allokazzjoni jenħtieġ li jiġi implimentat primarjament taħt ġestjoni diretta f'konformità mat-Titolu VIII tal-Ewwel Parti tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([1]) ĠU UE L 160, 18.6.2011, p. 21.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU UE L 251, 15.7.2021, p. 48).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU UE L 231, 30.6.2021, p. 159).

([4]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU UE L 193, 30.7.2018, p. 1).

(7) Fid-dawl tan-natura *sui generis* tal-*acquis* ta' Schengen u l-importanza tal-applikazzjoni uniformi tiegħu għall-integrità taż-żona Schengen, ir-regoli applikabbli għall-ġestjoni jenħtieġ li japplikaw għall-entitajiet fil-Liechtenstein bl-istess mod kif japplikaw għal kwalunkwe entità oħra eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni.

(8) Sabiex jiġu ffaċilitati l-kalkolu u l-użu tal-kontribuzzjonijiet annwali dovuti mil-Liechtenstein lill-BMVI, il-kontribuzzjonijiet tal-Liechtenstein għall-perjodu mill-2021 sal-2027 jenħtieġ li jitħallsu f'erba' pagamenti parzjali annwali mill-2024 sal-2027. Mill-2024 sal-2025, il-kontribuzzjonijiet annwali jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'ammonti fissi, filwaqt li l-kontribuzzjonijiet dovuti għas-snin 2026 u 2027 jenħtieġ li jiġu determinati fl-2026 abbażi tal-prodott domestiku gross tal-Istati kollha li jipparteċipaw fil-BMVI b'teħid inkonsiderazzjoni tal-pagamenti li effettivament ikunu saru.

(9) F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali, jenħtieġ li l-Liechtenstein jibbenefika minn kwalunkwe dħul żejjed kif definit fl-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) (ir-"Regolament dwar l-ETIAS"). Fil-qafas tal-BMVI, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji dovuti mil-Liechtenstein lill-BMVI jenħtieġ li jitnaqqsu proporzjonalment.

(10) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, inkluż ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), hija koperta mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([7]) u ġiet inkorporata fl-Anness XI tiegħu. Il-Liechtenstein għalhekk japplika dak ir-Regolament.

(11) Il-Liechtenstein mhuwiex marbut mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għalkemm huwa parti minnha, u għalhekk josserva d-drittijiet u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Protokolli tagħha, u mid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-referenzi li jinsabu fir-Regolament BMVI u f'dan il-Ftehim għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għalhekk jenħtieġ li jinftiehmu bħala referenzi għal dik il-Konvenzjoni u għall-Protokolli ratifikati mil-Liechtenstein u għall-Artikolu 14 ta' dik id-Dikjarazzjoni.

(12) Jenħtieġ li l-Liechtenstein jimplimenta l-BMVI u dan il-Ftehim f'konformità mal-Ftehim ta' Parigi u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Ftehim jistabbilixxi r-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tal-Liechtenstein fl-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (il-"BMVI") bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu ta' programmazzjoni mill-2021 sal-2027 f'konformità mal-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/1148 (ir-"Regolament BMVI").

Artikolu 2

Ġestjoni u kontroll finanzjarji

1. Fl-implimentazzjoni tar-Regolament BMVI, il-Liechtenstein għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarji li huma stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u fil-liġi tal-Unjoni li l-bażi legali tiegħu ġej mit-TFUE.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU UE L 236, 19.9.2018, p. 1).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU UE L 119 4.5.2016, p. 1).

([7]) ĠU KE L 1, 3.1.1994, p. 3.

Id-dispożizzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu huma dawn li ġejjin:

(a) L-Artikoli 33, 36, 61, 97 sa 106, 115, 116, 125 sa 129, 135 sa 144, 150 sa 153, 154, l-Artikolu 155 (1), (2), (4), (6) u (7) u l-Artikoli 180 sa 205 u 254 sa 257 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (ir-"Regolament Finanzjarju");

(b) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([8]);

(c) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([9]) u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

2. Fil-każ ta' kwalunkwe emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju rilevanti għall-BMVI:

(a) il-Kummissjoni Ewropea (il-'Kummissjoni') għandha tinforma lil-Liechtenstein dwar dan mill-aktar fis possibbli u, fuq talba tal-Liechtenstein, tipprovdi spjegazzjonijiet dwar din l-emenda, ir-revoka, is-sostituzzjoni jew ir-riformulazzjoni;

(b) minkejja l-Artikolu 13(4), il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-Unjoni, u l-Liechtenstein jistgħu jiddeterminaw bi ftehim komuni kwalunkwe emenda tal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu li tkun meħtieġa biex titqies tali emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni.

3. Jekk il-kontenut ta' att li jemenda, jirrevoka, jissostitwixxi jew jirriformula r-Regolament Finanzjarju jkun jista' jsir vinkolanti għal-Liechtenstein biss wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kostituzzjonali, il-Liechtenstein għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dan mhux aktar tard minn 30 jum wara li jiġi informat mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 2, -il-punt (a). Meta referendum ma jkunx meħtieġ, dik in-notifika għandha issir sa mhux iktar tard minn 30 jum wara l-iskadenza tar-referendum. Meta jkun meħtieġ referendum, il-Liechtenstein għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni bil-miktub malli jitwettqu r-rekwiżiti kostituzzjonali kollha, u għandu jkollu tmintax-il xahar mid-data ta' dik in-notifika li fiha jaqbel dwar l-emendi meħtieġa għall-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a), kif imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b).

4. Mid-data stabbilita għad-dħul fis-seħħ, għal-Liechtenstein, tal-att imsemmi fil-paragrafu 3 u sakemm il-Liechtenstein ikun ta notifika kif imsemmi fil-paragrafu 3 li r-rekwiżiti kostituzzjonali ġew issodisfati u ftehim biex jiġi emendat il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a), ikun instab, il-Liechtenstein għandu, fejn possibbli, jimplimenta l-att inkwistjoni fuq bażi proviżorja.

5. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Liechtenstein jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet iffinanzjati mill-BMVI b'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni tal-parteċipazzjoni

1. L-allokazzjoni tal-Unjoni lil-Liechtenstein ikkalkolata skont l-Artikolu 7(3), il-punt (a), tar-Regolament BMVI għandha ssir disponibbli għal-Liechtenstein bħala azzjonijiet tal-Unjoni taħt il-faċilità tematika tal-BMVI f'konformità mal-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament BMVI.

2. Ir-riżorsi skont l-azzjonijiet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 8(1), il-punt (a), tar-Regolament BMVI għandhom ikunu disponibbli għal-Liechtenstein fuq l-istess bażi bħal Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen oħrajn. L-azzjonijiet speċifiċi magħżula mil-Liechtenstein għandhom jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta. L-aċċess tal-Liechtenstein għall-finanzjament jikkonċerna azzjonijiet speċifiċi li:

(a) jkunu disponibbli għall-pajjiżi kollha li jipparteċipaw f'Schengen u fir-Regolament BMVI biex tiġi żgurata l-konformità mal-*acquis* ("żidiet"); u

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU KE L 292, 15.11.1996, p. 2).

([9]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU KE L 312, 23.12.1995, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU UE L 248, 18.9.2013, p. 1).

(b) jirriżulta minn għażla wara sejħiet għal espressjoni ta' interess għall-pajjiżi kollha li jipparteċipaw f'Schengen u r-Regolament BMVI.

3. Mhux aktar tard minn 30 jum wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u, mill-2025, sal-15 ta' Frar ta' kull sena, il-Liechtenstein għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-azzjonijiet li jkun bi ħsiebu jimplimenta biex jiżgura l-konformità mal-*acquis* ta' Schengen u biex jissodisfa l-objettivi tal-BMVI, u tal-baġit relatat ma' dawk l-azzjonijiet.

4. L-implimentazzjoni ta' proġetti mil-Liechtenstein skont ir-Regolament BMVI għandha titwettaq skont ir-regoli ta' ġestjoni diretta f'konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu VIII, tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 4

Applikazzjoni speċifika tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament BMVI

1. L-iskadenzi li jirreferu għad-dħul fis-seħħ tar-Regolament BMVI għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għad-data li fiha jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim.

2. Ir-referenzi għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom għalhekk jinftiehmu bħala referenzi għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u għall-Protokolli tagħha kif irratifikati mil-Liechtenstein u għall-Artikolu 14 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

3. Il-Liechtenstein għandu jimplimenta r-Regolament BMVI f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenza tal-2030 tan-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 5

Infurzar

1. Id-Deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni li jimponu obbligu finanzjarju fuq persuni apparti mill-Istati, għandhom ikunu infurzabbli fit-territorju tal-Liechtenstein.

L-infurzar ta' deċiżjonijiet kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun regolat bir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fil-Liechtenstein. Ordni għal tali infurzar għandha tiġi mehmuża mad-deċiżjoni rilevanti mill-awtorità kompetenti msemmija fit-tielet subparagrafu mingħajr l-ebda formalità għajr il-verifika tal-awtentiċità ta' dik id-deċiżjoni.

Il-Gvern tal-Liechtenstein għandu jaħtar awtorità kompetenti għal dan l-għan u għandu jgħarraf lill-Kummissjoni b'din il-ħatra. Il-Kummissjoni, min-naħa tagħha għandha tinforma lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Ladarba jitlestew dawn il-formalitajiet fuq applikazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni tkun tista' tipproċedi bl-infurzar f'konformità mal-liġi tal-Liechtenstein, billi tressaq il-kwistjoni direttament quddiem l-awtorità kompetenti msemmija fit-tielet subparagrafu.

L-infurzar jista' jiġi sospiż biss b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-qrati tal-Liechtenstein għandu jkollhom ġuriżdizzjoni fuq kwistjonijiet relatati ma' lmenti li l-infurzar ikun qed isir b'mod irregolari.

2. Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mogħtija dwar l-applikazzjoni ta' klawżola ta' arbitraġġ li tkun tinsab f'kuntratt jew fi ftehim ta' għotja fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu infurzabbli fil-Liechtenstein bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet msemmijin fil-paragrafu 1 l-ewwel subparagrafu.

Artikolu 6

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Liechtenstein għandu:

(a) jiġġieled il-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri li għandhom jaġixxu ta' deterrent u li għandhom jippermettu protezzjoni effettiva fil-Liechtenstein;

(b) jieħu l-istess miżuri biex jiġġieled il-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħalma jieħu biex jipproteġi l-interessi finanzjarji tiegħu stess; u

(c) jikkoordina l-azzjoni tiegħu li għandha l-għan li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Liechtenstein għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni jew lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom ([11]) ("OLAF") bi kwalunkwe fatt jew suspett, li jkunu saru jafu bihom, dwar irregolarità, frodi jew attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Huma għandhom jinfurmaw ukoll lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([12]) ("UPPE") fejn dawn il-fatti jew is-suspetti jikkonċernaw każ li jista' jaqa' taħt il-kompetenza tal-UPPE.

Il-Liechtenstein u l-Unjoni għandhom jiżguraw assistenza reċiproka effettiva f'każijiet fejn ikun hemm investigazzjonijiet jew proċedimenti ġudizzjarji mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni jew tal-Liechtenstein, f'konformità mal-qafas legali applikabbli, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji ta' xulxin fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

3. Il-Liechtenstein għandu jadotta miżuri ekwivalenti għallmiżuri adottati mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 325(4) TFUE, li jkunu fis-seħħ fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

4. L-iskambju tal-informazzjoni bejn il-Kummissjoni, OLAF, UPPE, il-Qorti tal-Awdituri u l-awtoritajiet kompetenti tal-Liechtenstein għandu jsir filwaqt li jitqiesu kif dovut ir-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità. Id-*data* personali inkluża fl-iskambju ta' informazzjoni għandha tiġi protetta f'konformità mar-regoli applikabbli.

Artikolu 7

Rieżamijiet u awditi mill-Unjoni

1. L-Unjoni għandu jkollha d-dritt li twettaq rieżamijiet u awditi tekniċi, finanzjarji jew tipi oħra ta' rieżamijiet u awditi fil-bini ta' kwalunkwe persuna fiżika residenti fil-Liechtenstein, jew kwalunkwe entità ġuridika stabbilita fiha, u li tirċievi finanzjament mill-Unjoni mill-BMVI, kif ukoll ta' kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni mill-BMVI residenti jew stabbilita fil-Liechtenstein. Tali rieżamijiet u awditi jistgħu jitwettqu mill-Kummissjoni, mill-OLAF jew mill-Qorti tal-Awdituri.

2. L-awtoritajiet tal-Liechtenstein għandhom jiffaċilitaw ir-rieżamijiet u l-awditi mwettqa mill-Unjoni li jistgħu, jekk dawn l-awtoritajiet jixtiequ hekk, jitwettqu b'mod konġunt magħhom.

3. Ir-rieżamijiet u l-awditi jistgħu jitwettqu, inkluż wara s-sospensjoni tad-drittijiet tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Liechtenstein li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jew wara t-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim, fuq kwalunkwe impenn legali li jimplimenta l-baġit tal-Unjoni li jkun daħal fis-seħħ qabel id-data li fiha tidħol fis-seħħ tali sospensjoni jew terminazzjoni.

Artikolu 8

Verifiki u spezzjonijiet fuq il-post

L-OLAF għandu jkun awtorizzat iwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fit-territorju tal-Liechtenstein fir-rigward tal-BMVI skont it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE) Nru 883/2013.

L-awtoritajiet tal-Liechtenstein għandhom jiffaċilitaw il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post, li jistgħu, jekk dawk l-awtoritajiet jixtiequ dan, jitwettqu b'mod konġunt magħhom.

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/352/KE, KEFA, Euratom tat-28 ta' April 1999 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU KE L 136, 31.5.1999, p. 20).

([12]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU UE L 283 31.10.2017, p. 1).

Artikolu 9

Qorti tal-Awdituri

Il-kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri stabbilita fl-Artikolu 287(1) u (2) TFUE għandha testendi għad-dħul u n-nefqa relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament BMVI mil-Liechtenstein, inkluż fit-territorju tal-Liechtenstein.

F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 287(3) TFUE u fl-Ewwel Parti, it-Titolu XIV, il-Kapitolu 1 tar-Regolament Finanzjarju, il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha l-possibbiltà li twettaq awditi fil-bini ta' kull korp li jiġestixxi dħul jew nefqa f'isem l-Unjoni fit-territorju tal-Liechtenstein fir-rigward tal-BMVI, inkluż fil-bini ta' kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun irċeviet pagamenti mill-baġit.

Fil-Liechtenstein, l-awditjar mill-Qorti tal-Awdituri għandu jitwettaq flimkien mal-entitajiet nazzjonali tal-awditjar jew, jekk dawk il-korpi ma jkollhomx is-setgħat meħtieġa, mad-dipartimenti nazzjonali kompetenti. Il-Qorti tal-Awdituri u l-korpi nazzjonali tal-awditu tal-Liechtenstein għandhom jikkoperaw fi spirtu ta' fiduċja filwaqt li jippreservaw l-indipendenza tagħhom. Dawk l-organizzazzjonijiet jew dipartimenti għandhom jinfurmaw lill-Qorti tal-Awdituri jekk tkunx l-intenzjoni tagħhom li jieħdu sehem fl-awditu.

Artikolu 10

Kontribuzzjonijiet finanzjarji

1. Il-Liechtenstein għandu jagħmel pagamenti annwali lill-baġit tal-BMVI skont il-formula stabbilita fl-Anness I.

2. Kull sena l-Kummissjoni tista' tuża sa 0,75 % mill-pagamenti li jsiru mil-Liechtenstein għall-finanzjament tan-nefqa amministrattiva għall-persunal jew għall-persunal estern meħtieġ għall-appoġġ tal-implimentazzjoni mil-Liechtenstein tar-Regolament BMVI u ta' dan il-Ftehim.

3. Wara t-tnaqqis tan-nefqa amministrattiva msemmija fil-paragrafu 2, l-ammont li jifdal tal-pagamenti annwali magħmula mil-Liechtenstein għandhom jiġu assenjat kif ġej:

(a) 70 % għall-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-Istati Membri u tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen;

(b) 30 % għall-faċilità tematika msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament BMVI.

4. Ammont ekwivalenti għall-pagamenti annwali tal-Liechtenstein għandu jintuża biex jikkontribwixxi għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri esterni b'saħħitha u effettiva.

5. L-Unjoni għandha tipprovdi lil-Liechtenstein b'informazzjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni finanzjarja tagħha kif inkluż fl-informazzjoni relatata mal-baġit, mal-awditjar, mal-prestazzjoni u mal-evalwazzjoni pprovduta lill-awtoritajiet baġitarji u tal-kwittanza tal-Unjoni dwar il-BMVI.

Artikolu 11

ETIAS

1. Is-sehem tad-dħul mill-ETIAS li potenzjalment jibqa' wara li jiġu koperti l-kostijiet tal-operat u tal-manutenzjoni tal-ETIAS kif imsemmi fl-Artikolu 86 tar-Regolament dwar l-ETIAS (is-"surplus") għandu jitnaqqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja finali tal-Liechtenstein lill-BMVI, f'konformità mal-formula stabbilita fl-Anness II.

2. Il-Liechtenstein għandu jippreżenta rapport annwali lill-Kummissjoni dwar il-kostijiet imsemmija fl-Artikolu 85(2) u (3) tar-Regolament dwar l-ETIAS tas-sena fiskali sal-15 ta' Frar tas-sena ta' wara. Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, il-Liechtenstein għandu jaderixxi mal-obbligi kollha ta' rapportar li jirriżultaw mir-Regolament dwar l-ETIAS u kwalunkwe att delegat adottat taħtu.

Artikolu 12

Kunfidenzjalità

L-informazzjoni kkomunikata jew miksuba fi kwalunkwe forma bis-saħħa ta' dan il-Ftehim għandha tkun koperta mis-sigriet professjonali u protetta bl-istess mod bħalma tkun protetta informazzjoni simili mid-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u mil-liġijiet tal-Liechtenstein. Din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi kkomunikata lil persuni oħrajn ħlief lil dawk fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fl-Istati Membri jew fil-Liechtenstein, li l-funzjonijiet tagħhom jirrikjedu li jkunu jafu tali informazzjoni, u lanqas ma tista' tintuża għal skopijiet oħra ħlief dawk li jservu biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Partijiet.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ u tul ta' żmien

1. Il-Partijiet għandhom japprovaw dan il-Ftehim skont il-proċeduri tagħhom. Huma għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija ta' dawn il-proċeduri. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Missjoni tal-Liechtenstein għall-Unjoni Ewropea, rispettivament.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara l-jum tal-aħħar notifika msemmija fil-paragrafu 1.

3. Biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti u biex l-implimentazzjoni tkun tista' tibda mill-bidu tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ([13]), il-miżuri koperti mir-Regolament BMVI jistgħu jibdew qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim u l-aktar kmien fl-1 ta' Jannar 2021, dment li l-azzjonijiet ma jkunux tlestew fiż-żmien meta jingħata l-appoġġ f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi emendat biss bil-miktub u bil-kunsens komuni tal-Partijiet. Id-dħul fis-seħħ ta' tali emendi għandu jsegwi l-istess proċedura bħal dik applikabbli għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

5. Minkejja l-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-Kumitat Imħallat stabbilit skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([14]) (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") għandu jingħata s-setgħa jinnegozja u jadotta l-emendi meħtieġa fl-Artikolu 2(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-Ftehim fil-każ ta' notifika f'konformità mal-Artikolu 15(2) ta' dan il-Ftehim minħabba li ċirkostanzi fejn ma jkunx intlaħaq ftehim skont l-Artikolu 2(2) jew (3) ta' dan il-Ftehim.

6. Bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 5, il-Partijiet għandhom japplikaw dan il-Ftehim provviżorjament mill-jum wara dak tal-firma tiegħu, minħajr preġudizzju għar-rekwiżiti kostituzzjonali.

Artikolu 14

Soluzzjoni tat-tilwim

Meta tinqala' tilwima fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

([13]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU UE L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

([14]) ĠU UE L 53, 27.2.2008, p. 52.

Artikolu 15

Sospensjoni

1. Id-drittijiet tal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Liechtenstein derivati mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jistgħu jiġu sospiżi f'konformità mal-paragrafi 5 sa 7 ta' dan l-Artikolu mill-Unjoni:

(a) fil-każ ta' nuqqas ta' pagament sħiħ jew parzjali tal-kontribuzzjoni finanzjarja dovuta mil-Liechtenstein;

(b) fil-każ li r-Regolament Finanzjarju jkun is-suġġett ta' emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni rilevanti għall-BMVI u ma jkunx intlaħaq ftehim skont l-Artikolu 2(2) ta' dan il-Ftehim fi żmien 30 jum mid-dħul fis-seħħ ta' tali emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni, jew, fejn applikabbli, fi żmien 18-il xahar min-notifika mil-Liechtenstein li l-att li jemenda, jirrevoka, jissostitwixxi jew jirriformula r-Regolament Finanzjarju jista' jsir vinkolanti fuq il-Liechtenstein biss wara li jissodisfa r-rekwiżiti kostituzzjonali; jew

(c) f'ċirkostanzi li fihom ir-Regolament Finanzjarju jkun is-soġġett ta' emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni rilevanti għall-BMVI u l-Liechtenstein ikun innotifika lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 2(3) ta' dan il-Ftehim li l-att li jemenda, jħassar, jissostitwixxi jew jirriformula r-Regolament Finanzjarju jista' jsir vinkolanti fuq il-Liechtenstein biss wara li jissodisfa r-rekwiżiti kostituzzjonali, u l-Liechtenstein ma jkunx jista' jimplimenta l-att jew il-miżura inkwistjoni fuq bażi proviżorja kif imsemmi fl-Artikolu 2(4) ta' dan il-Ftehim.

2. L-Unjoni għandha tinnotifika lil-Liechtenstein bl-intenzjoni tagħha li tissospendi d-drittijiet tal-entitajiet legali stabbiliti fil-Liechtenstein li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u, f'dak il-każ, il-kwistjoni għandha tiddaħħal uffiċjalment fl-aġenda tal-Kumitat Imħallat stabbilit skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (il-"Kumitat Imħallat").

3 Il-Kumitat Imħallat għandu jissejjaħ u l-laqgħa għandha ssir fi żmien 30 jum min-notifika msemmija fil-paragrafu 2. Il-Kumitat Imħallat għandu jkollu 90 jum biex isolvi l-kwistjoni, li jibdew jgħoddu mid-data tal-adozzjoni tal-aġenda li dwarha jkun tqajjem il-każ f'konformità mal-paragrafu 2. Meta l-kwistjoni ma tkunx tista' tiġi solvuta mill-Kumitat Imħallat fi żmien l-iskadenza ta' 90 jum, dik l-iskadenza għandha tiġi estiża bi 30 jum bil-ħsieb li tintlaħaq soluzzjoni finali.

4. Meta l-kwistjoni ma tkunx tista' tiġi solvuta mill-Kumitat Imħallat sal-iskadenza prevista fil-paragrafu 3, l-Unjoni tista' tissospendi d-drittijiet tal-entitajiet legali stabbiliti fil-Liechtenstein li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim kif imsemmi fil-paragrafi 5 sa 7.

5. Fil-każ ta' sospensjoni, l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Liechtenstein ma għandhomx ikunu eliġibbli biex jipparteċipaw fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jkunu għadhom ma tlestewx meta tidħol fis-seħħ is-sospensjoni. Proċedura ta' aġġudikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata li tlestiet meta jkunu ttieħdu l-impenji legali b'riżultat ta' din il-proċedura.

6. Sospensjoni ma taffettwax l-impenji legali konklużi mal-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fil-Liechtenstein qabel ma tkun daħlet fis-seħħ is-sospensjoni. Dan il-Ftehim għandu jkompli japplika għal tali impenji legali.

7. Kwalunkwe operazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiġi żgurat it-twettiq tal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn impenji li jkunu daħlu għalihom skont dan il-Ftehim qabel is-sospensjoni tista' titwettaq wara s-sospensjoni.

8. L-Unjoni għandha tinnotifika minnufih lil-Liechtenstein ladarba l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja jew operazzjonali dovuta tkun waslet għandha, meta n-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 2(2) ikun intemm jew meta l-kwistjoni relatata mar-Regolament Finanzjarju tkun solvuta. Is-sospensjoni għandha titneħħa b'effett immedjat malli ssir it-tali notifika.

9. Mid-data meta titneħħa s-sospensjoni, l-entitajiet ġuridiċi tal-Liechtenstein għandhom jerġgħu jkunu eliġibbli fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni mnedija wara dik id-data, kif ukoll fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni mnedija qabel dik id-data, li għalihom l-iskadenzi għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ma jkunux skadew.

Artikolu 16

Terminazzjoni

1 Kemm l-Unjoni kif ukoll il-Liechtenstein jistgħu jtemmu dan il-Ftehim billi jinnotifikaw lill-Parti l-oħra bid-deċiżjoni tagħhom. Il-Ftehim għandu jieqaf japplika tliet xhur wara d-data ta' din in-notifika. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Missjoni tal-Liechtenstein għall-Unjoni Ewropea, rispettivament.

2 Dan il-Ftehim għandu jiġi tterminat awtomatikament meta l-Protokoll ta' Assoċjazzjoni jiġi tterminat skont l-Artikolu 11 tal-Protokoll ta' Assoċjazzjoni.

3 Meta dan il-Ftehim jiġi terminat skont il-paragrafu 1 jew 2, l-operazzjonijiet li għalihom ikunu saru impenji legali wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u qabel ma dan il-Ftehim jiġi terminat, għandhom ikomplu sakemm jitlestew skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

4 Kwalunkwe operazzjoni meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex jiġi żgurat it-twettiq tal-obbligi finanzjarji li jirriżultaw minn impenji li jkunu saru skont dan il-Ftehim qabel it-teminazzjoni tiegħu tista' titwettaq wara t-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

5 Il-Partijiet għandhom isolvu b'kunsens komuni kwalunkwe konsegwenza oħra tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 17

Lingwi

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Kroata, Latvjana, Litwana, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Taljana, Ungeriża u Żvediża, b'kull test ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, il-Plenipotenzjarji ffirmati hawn taħt, debitament awtorizzati għal dan il-għan, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Брюксел на двадесет и осми ноември две хиляди двадесет и трета година.

Hecho en Bruselas, el veintiocho de noviembre de dos mil veintitrés.

V Bruselu dne dvacátého osmého listopadu dva tisíce dvacet tři.

Udfærdiget i Bruxelles den otteogtyvende november to tusind og treogtyve.

Geschehen zu Brüssel am achtundzwanzigsten November zweitausenddreiundzwanzig.

Kahe tuhande kahekümne kolmanda aasta novembrikuu kahekümne kaheksandal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι οκτώ Νοεμβρίου δύο χιλιάδες είκοσι τρία.

Done at Brussels on the twenty-eighth day of November in the year two thousand and twenty three.

Fait à Bruxelles, le vingt-huit novembre deux mille vingt-trois.

Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an t-ochtú lá is fiche de mhí na Samhna sa bhliain dhá mhíle fiche a trí.

Sastavljeno u Bruxellesu dvadeset osmog studenoga godine dvije tisuće dvadeset treće.

Fatto a Bruxelles, addì ventotto novembre duemilaventitré.

Briselē, divi tūkstoši divdesmit trešā gada divdesmit astotajā novembrī.

Priimta du tūkstančiai dvidešimt trečių metų lapkričio dvidešimt aštuntą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-huszonharmadik év november havának huszonnyolcadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tmienja u għoxrin jum ta' Novembru fis-sena elfejn u tlieta u għoxrin.

Gedaan te Brussel, achtentwintig november tweeduizend drieëntwintig.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego ósmego listopada roku dwa tysiące dwudziestego trzeciego.

Feito em Bruxelas, em vinte e oito de novembro de dois mil e vinte e três.

Întocmit la Bruxelles la douăzeci și opt noiembrie două mii douăzeci și trei.

V Bruseli dvadsiateho ôsmeho novembra dvetisícdvadsaťtri.

V Bruslju, osemindvajsetega novembra dva tisoč triindvajset.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenäkahdeksantena päivänä marraskuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkolme.

Som skedde i Bryssel den tjugoåttonde november år tjugohundratjugotre.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen

За Княжество Лихтенщайн
Por el Principado de Liechtenstein
Za Lichtenštejnské knížectví
For Fyrstendømmet Liechtenstein
Für das Fürstentum Liechtenstein
Liechtensteini Vürstiriigi nimel
Για το Πριγκιπάτο του Λιχτενστάιν
For the Principality of Liechtenstein
Pour la Principauté de Liechtenstein
Thar ceann Prionsacht Lichtinstéin
Za Kneževinu Lihtenštajn
Per il Principato del Liechtenstein
Lihtenšteinas Firstistes vārdā –
Lichtenšteino Kunigaikštystės vardu
A Liechtensteini Hercegség részéről
Għall-Prinċipat tal-Liechtenstein
Voor het Vorstendom Liechtenstein
W imieniu Księstwa Liechtensteinu
Pelo Principado do Listenstaine
Pentru Principatul Liechtenstein
Za Lichtenštajnské kniežatstvo
Za Kneževino Lihtenštajn
Liechtensteinin ruhtinaskunnan puolesta
För Furstendömet Liechtenstein

ANNESS I

FORMULA BIEX JIĠU KKALKULATI L-KONTRIBUZZJONIJIET FINANZJARJI ANNWALI GĦAS-SNIN MILL-2021 SAL-2027 U D-DETTALJI TAL-PAGAMENT

1. Il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jqis l-ammont imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament BMVI.

2. Għas-snin 2024 u 2025, il-Liechtenstein għandu jagħmel pagamenti annwali lill-baġit tal-BMVI f'konformità mat-tabella li ġejja:

(L-ammonti kollha f'EUR)

	2024	2025
Il-Liechtenstein	739 017	739 017

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemmija f'dan il-punt għandhom ikunu dovuti mil-Liechtenstein irrispettivament mid-data tal-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja.

3 Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Liechtenstein għall-BMVI għandha tiġi kkalkulata kif ġej għas-snin 2026 u 2027:

Għal kull sena mill-2020 sal-2024, iċ-ċifri tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) nominali tal-Liechtenstein disponibbli mill-31 ta' Marzu 2026 fuq l-Eurostat (PDG bil-prezzijiet attwali) għandhom jiġu diviżi bis-somma taċ-ċifri nominali tal-PDG tal-Istati kollha li jipparteċipaw fil-BMVI għal kull sena rispettiva. Il-medja tal-ħames perċentwali miksuba għas-snin mill-2020 sal-2024 għandha tiġi applikata

— għas-somma tal-approprjazzjonijiet ta' impenn mill-baġit adottat, u l-emendi jew it-trasferimenti sussegwenti kif impenjati fl-aħħar ta' kull sena għall-BMVI għas-snin mill-2021 sal-2025;

— l-approprjazzjonijiet ta' impenn annwali mill-baġit adottat għall-BMVI għas-sena 2026 li saru fil-bidu tas-sena 2026; u

— l-approprjazzjoni ta' impenn annwali skont il-baġit għall-BMVI għas-sena 2027 kif inkluża fl-abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2027 adottat mill-Kummissjoni.

biex jinkiseb l-ammont totali li għandu jitħallas mil-Liechtenstein matul il-perjodu kollu ta' implimentazzjoni tal-BMVI.

Minn dak l-ammont, il-pagamenti annwali effettivament magħmula mil-Liechtenstein f'konformità mal-punt 2 għandhom jitnaqqsu sabiex jinkiseb l-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet tiegħu għas-snin 2026 u 2027. Nofs dak l-ammont totali għandu jitħallas fl-2026 u n-nofs l-ieħor fl-2027.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha titħallas f'euro, u l-kalkolu tal-ammonti dovuti jew li għandhom jiġu riċevuti għandu jiġi espress f'euro.

5. Il-Liechtenstein għandu jħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja rispettiva tiegħu sa mhux aktar tard minn 45 jum wara li jirċievi n-nota ta' debitu. Kull dewmien fil-pagament tal-kontribuzzjoni għandu jwassal għal pagament ta' imgħax ta' inadempjenza fuq l-ammont pendenti mid-data li fih ikun dovut. Ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħbat id-data tal-iskadenza, u li tiżdied bi 3.5 punti perċentwali.

ANNESS II

FORMULA BIEX JIĠI KKALKULAT IS-SEHEM TAL-LIECHTENSTEIN MID-DĦUL LI POTENZJALMENT JIBQA' KIF DEFINIT FL-ARTIKOLU 86 TAR-REGOLAMENT DWAR L-ETIAS

Għal kull sena finanzjarja li għaliha jkun hemm surplus iġġenerat kif definit fl-Artikolu 86 tar-Regolament dwar l-ETIAS u sas-sena finanzjarja 2026, iċ-ċifri tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) nominali tal-Liechtenstein disponibbli fil-31 ta' Marzu fil-Eurostat (il-PDG fil-prezzijiet attwali) għandhom jiġu diviżi bis-somma taċ-ċifri tal-PDG nominali tal-Istati kollha li jipparteċipaw fl-ETIAS għas-sena rispettiva.

Il-medja tal-perċentwali miksuba għandha tiġi applikata għall-surpluses totali ġġenerati. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Liechtenstein tal-2027 allokata għall-faċilità tematika għandha titnaqqas bl-ammont li jirriżulta.